**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lara Butters)**
**(Spettur Lydon Zammit)**

**vs**

**Johan Pace**

**Kumpilazzjoni numru 212/2018**

**Illum 27 ta' April, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joahn Pace** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 3090 (M) billi huwa akkuzat talli fis-26 ta' Awwissu 2017 bejn id-09:30 hrs u 12:45 hrs minn gewwa r-residenza 173, Attard Building, Flat 15, Triq Rudolfu, Sliema, ikkommetta serq ta' laptop ghall-valur ta' 700 Euro ghad-dannu ta' Philip Dimech u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-lok.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imuputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

In vista ta' dak mistqar mill-Probation Officer, Prosekuzzjoni u Difiza, din il-Qorti jidhrilha li hemm lok li l-imputat jingħata l- possibilita' li jkompli jibni ħajtu l-bogħod mill-kriminalita' u bi sforz li jagħmel xogħol onest. Għalhekk sejra tqiegħdu taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' tliet snin millum.

**DECIDE**

Li wara li rat l-Artikoli 261, 536(a), 267, 269(g), 278(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qiegħda ssib lil Johan Pace hati u dan fuq l-ammissjoni stess.

Il-Qorti tqis lific-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, hija tal-fehma li jissussistu l-elementi rikjesti mill-Ligi, ai termini tal-Artikolu 7(1)(2)(5) tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qiegħda tpoggi lill-ħati taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tliet snin millum.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il- Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jingħata sentenza għar-reat li tiegħu instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordnijiet mogħtija lilu.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation mogħti bid-Digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-probation biex ikun responsabbli għas- sorveljanza tal-ħati.

L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Finalment il-Qorti tordna ukoll lil hati li fi zmien sena millum ihallas lil vittma Philip Dimech tliet mitt ewro (€300) danni bhala spejjez tal-oggett misruq.

Dr. Joseph Mifsud

Magistrat